**313. Il-Vici Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, l-Onor. Lawrence Gonzi jipproponi:**

Illi 1-Kamra tar-Rapprezentanti.

Wara li kkunsidrat li fit-13 ta' Novembru 1990 Malta ffirmat il-Ftehim mal-Agenzija Internazzjonali dwar 1-Energija Atomika ghall-Applikazzjoni tas-Salvagwardji li għandhom x' jaqsmu mat-Trattat fuq in-Non-Proliferazzjoni tal-Armi Nuklejari;

Wara li kkunsidrat li meta ffirmat il-Protokoll Addizzjonali ghall-Ftehim bejn ir-Repubblika ta[s] Malta u 1-Agenzija Internazzjonali dwar 1-Energija Atomika għall-Applikazzjoni tas-Salvagwardji li għandhom x' jaqsmu mat-Trattat fuq in-Non-Proliferazzjoni tal-Armi Nuklejari, Malta tingħaqad mas-seba' u sittin pajjiż ieħor li diġà ffirmaw dan il-Protokoll Addizzjonali u għalhekk tibda tagħmel parti mill-pożizzjoni espressa mill-komunità internazzjonali dwar in-non-proliferazzjoni tal-armi nuklejari;

Wara li kkunsidrat is-sub-sezzjonijiet (1) (c) u (2) (b) tas-Sezzjoni 3 ta' 1-Att dwar ir-Ratifika ta' Trattati (Kapitlu 304) u s-Sezzjoni 3 (2) ta' National Interest (Enabling Powers) Act, (Kapitlu 365),

Tirrisolvi li tawtorizza 1-Gvern biex jiffirma u jaccetta 1-obbligazzjonijiet tal-Protokoll Addizzjonali ghall-Ftehim bejn ir-Repubblika Malta u 1-Agenzija Internazzjonali dwar 1-Energija Atomika ghall-Applikazzjoni tas-Salvagwardji li ghandhom x' jaqsmu mat-Trattat fuq in-Non-Proliferazzjoni ta' 1-Armi Nuklejari.

27.11.2002